MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 35/2001/1

**SMS Insurance Agency Limited**

**-vs-**

**Irving & Co Ltd**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef seba' mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (LM4761.37) rapprezentanti hlas ta' diversi poloz ta' assikurazzjoni miksuba minnha minghand l-istess socjeta' attrici (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru 1998 sad-data tal-hlas relattiv.

Is-socjeta’ konvenuta mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Ikkonstatat li s-socjeta’ konvenuta ghalkemm notifikata naqset milli tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza giet intavolata fis-6 ta’ Settembru 2001 u tul sitt udjenzi iffissati sal-lum ma sar proprju xejn. Mhux biss izda s-socjeta’ konvenuta lanqas biss ipprezentat nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Fid-dawl ta’ dawn il-kostatazzjonijiet ta’ fatt din il-Qorti osservat li s-socjeta’ attrici flimkien ma’ l-avviz ipprezentat prospett elenkanti l-ammont dovut li ma gie qatt ikkontestat. Konsegwentement u fuq l-iskorta tan-nuqqasijiet tas-socjeta’ konvenuta kif fuq spjegat issib li t-talba ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, tiddeciedi li tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici billi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha l-ammont ta’ erbat elef seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm4761.37) bl-imghax mit-30 ta’ Settembru 1998 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------